



Il-Qorti tal-Ġustizzja tawtorizza l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà (MES)

Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix il-konklużjoni u r-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni 2011/199¹ li tipprevedi ż-żieda fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ta' dispożizzjoni ġdida² li tipprovdi li l-Istati Membri, li l-munita tagħhom hija l-euro, jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jġi attiv jekk dan ikun indispensabbli sabiex tinżamm l-istabbiltà taż-żona euro kollha. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni ġdida tipprovdi li l-għoti ta' kull assistenza finanzjarja neċessarja skont dan il-mekkaniżmu għandu jkun suġġett għal kundizzjonalità stretta. Din l-emenda tat-Trattat għandha jkollha effett mill-1 ta' Jannar 2013, bil-kundizzjoni li tkun ġiet approvata mill-Istati Membri skont ir-regoli kostituzzjonali tagħhom.

Sussegwentement, l-Istati taż-żona euro³ kkonkludew, fit-2 ta' Frar 2012, it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), li għandu personalità ġuridika. Dan huwa intiż li jimmobilizza riżorsi finanzjarji u li jipprovdi, taħt kundizzjonalità stretta adattata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, sostenn għall-istabbiltà tal-membri tiegħu li jkunu għaddejjin jew ikollhom riskju li jgħaddu minn problemi serji ta' finanzjament. Dan is-sostenn jista' jingħata biss jekk ikun indispensabbli sabiex tinżamm l-istabbiltà taż-żona euro kollha u tal-Istati Membri tagħha. Għal dan il-għan, il-MES huwa awtorizzat iżid il-fondi billi joħroġ strumenti finanzjarji jew billi jikkonkludi ftehim jew arranġamenti finanzjarji jew ftehim u arranġamenti oħra mal-membri tiegħu, ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew ma' terzi oħra. Il-kapaċità massima ta' self tiegħu għandha tkun inizjalment stabbilita għal EUR 500 biljun. Il-kundizzjonalità stretta li għandu jkun suġġett għaliha kull sostenn tista' tiegħu l-forma, b'mod partikolari, ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku jew tal-obbligu li jkun hemm osservanza kontinwa tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà prestabiliti.

Quddiem il-qorti Irlandiżi, T. Pringle, Membru Parlamentari Irlandiż, isostni li l-emenda tat-TFUE b'deċiżjoni tal-Kunsill – u għalhekk bil-proċedura ta' reviżjoni ssemplifikata – hija illegali. Fil-fatt, huwa jsostni li din l-emenda tkun timplika modifika tal-kompetenzi tal-Unjoni u tkun inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea⁴, dwar l-Unjoni ekonomika u monetarja, kif ukoll mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, T. Pringle jsostni li, billi tirratifika, tapprova jew taċċetta t-Trattat MES, l-Irlanda ser tkun qiegħda tassumi obbligi inkompatibbli mal-imsemmija trattati.

Huwa għalhekk li s-Supreme Court (l-Irlanda) iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199 u dwar il-kompatibbiltà tal-MES mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex tiġi eliminata, mill-iktar fis possibbli, l-inċertezza li jqajmu dawn id-domandi, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jilqa' t-talba tas-Supreme Court, imressqa fit-3 ta'

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE, tal-25 ta' Marzu 2011, li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU L 91, p. 1)

² Il-paragrafu l-ġdid 3 tal-Artikolu 136 TFUE

³ Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja

⁴ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-TFUE

Awwissu 2012, sabiex din il-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa⁵. Barra minn hekk, peress li qieset li din il-kawża hija partikolarment importanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li teżaminaha f'seduta plenarja, magħmula mis-27 Imħallef kollha. L-Avukat Ġenerali J. Kokott ippreżentat l-Opinjoni tagħha fis-26 ta' Ottubru 2012.

Permezz tas-sentenza tal-lum tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-eżami tagħha ma rrivela ebda fattur li jista' jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/199.**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-dispożizzjonijiet tat-TUE u tat-TFUE kif ukoll il-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva la jipprekludu l-konklużjoni u lanqas ir-ratifika tat-Trattat MES.

Barra minn hekk, id-dritt ta' Stat Membru li jikkonkludi u jirratifika dan it-trattat ma huwiex suġġett għad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2011/199.

Fuq id-Deċiżjoni 2011/199

Permezz tad-Deċiżjoni 2011/199, il-Kunsill irrikorra **għall-possibbiltà li jemenda t-TFUE permezz ta' proċedura ssemplifikata** (jiġifieri mingħajr konvokazzjoni ta' Konvenzjoni komposta minn rappreżentanti ta' parlamenti nazzjonali, ta' kapijiet ta' Stat jew ta' gvernijiet tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni). Din il-proċedura **tapplika biss għall-politiki u għall-azzjonijiet interni tal-Unjoni (It-Tielet Parti tat-TFUE) u ma tistax iżżid il-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni bit-Trattati.**

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **l-emenda kkontestata tikkonċerna** – kemm proċeduralment kif ukoll sostanzjalment – **il-politiki u l-azzjonijiet interni tal-Unjoni, b'tali mod li l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta.**

Fil-fatt, l-ewwel nett, l-emenda inkwistjoni ma tinterferixx mal-**kompetenza esklużiva rikonoxxuta lill-Unjoni** (L-Ewwel Parti tat-TFUE) **fil-qasam tal-politika monetarja** għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Filwaqt li l-għan prinċipali tal-politika monetarja tal-Unjoni huwa ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet, il-MES għandu għan tabilħaqq differenti, li huwa l-istabbiltà taż-żona euro kollha. Is-sempliċi fatt li din il-miżura ta' politika ekonomika jista' jkollha effetti indiretti fuq l-istabbiltà tal-euro ma jippermettix li tali miżura tiġi ekwiparata ma' miżura ta' politika monetarja. Barra minn hekk, il-mezzi previsti sabiex jintlaħaq l-għan tal-MES, li huwa li tiġi żgurata assistenza finanzjarja lil Stat Membru, manifestament ma jaqgħux taħt il-politika monetarja.

Il-MES jikkostitwixxi pjuttost parti supplimentari għall-qafas regolamentari ġdid għat-tisħiħ tal-governanza ekonomika tal-Unjoni. Dan il-qafas jistabbilixxi koordinazzjoni u sorveljanza iktar stretti tal-politiki ekonomiċi u baġitarji mħaddna mill-Istati Membri u huwa intiż li jikkonsolida l-istabbiltà makroekonomika u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Filwaqt li dan il-qafas huwa ta' natura kawtelatorja, inkwantu huwa intiż li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kriżijiet ta' dejn sovrani, l-istabbiliment tal-MES huwa intiż li jamministra l-kriżijiet finanzjarji li, minkejja l-azzjonijiet kawtelatorji li jkunu tiegħu, jistgħu madankollu jinħolqu. Konsegwentement, **il-MES jaqa' taħt il-qasam tal-politika ekonomika.**

It-tieni nett, l-emenda inkwistjoni lanqas ma taffettwa **l-kompetenza rikonoxxuta lill-Unjoni** (L-Ewwel Parti tat-TFUE) **fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri.**

Fil-fatt, peress li d-dispożizzjonijiet tat-TUE u tat-TFUE ma jikkonferixxux kompetenza speċifika lill-Unjoni sabiex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' stabbiltà bħal dak previst mid-Deċiżjoni 2011/199, l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awtorizzati jikkonkludu, bejniethom, ftehim dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà. Barra minn hekk, il-kundizzjonalità stretta li, skont l-emenda inkwistjoni tat-TFUE, għandu jkun suġġett għaliha l-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-MES, hija intiża li tiżgura, li, fil-funzjonament tiegħu, dan il-mekkaniżmu josserva d-dritt tal-Unjoni,

⁵ Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2012

inklużi l-miżuri meħuda mill-Unjoni fil-kuntest tal-koordinament tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri.

It-tieni kundizzjoni għall-użu tal-proċedura ta' reviżjoni ssemplifikata, jiġifieri li l-emenda tat-TFUE ma żżidx il-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni fit-Trattati, **hija wkoll issodisfatta**.

Fil-fatt, l-emenda inkwistjoni ma toħloq ebda bażi legali bil-għan li tippermetti lill-Unjoni twettaq azzjoni li ma kinitx possibbli preċedentement. Minkejja li l-MES jirrikorri għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari, għall-Kummissjoni u għall-BĊE, dan il-fatt, fi kwalunkwe każ, ma jistax jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/199, li, min-naħa tagħha, tipprevedi biss l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà mill-Istati Membri u ma tipprovdi xejn dwar l-irwol eventwali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

Fuq it-Trattat MES

Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk ċerti dispożizzjonijiet tat-TUE u tat-TFUE kif ukoll il-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jipprekludux il-konklużjoni ta' ftehim bħat-Trattat MES bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, **domanda li tirrispondi fin-negattiv**. Huwa involuti, speċifikament, dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-politika monetarja⁶ u dwar il-kompetenza tagħha li tikkonkludi ftehim internazzjonali⁷, sussegwentement, dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-politika ekonomika tal-Unjoni⁸, u finalment, dispożizzjonijiet tat-TUE li jobbligaw lill-Istati Membri b'kooperazzjoni leali⁹ u li jipprovdu li kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-attribuzzjonijiet li jingħatawliha bit-Trattati¹⁰.

Fir-rigward tal-**kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-politika monetarja** għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro¹¹, il-Qorti tal-Ġustizzja ttenni li din il-politika hija intiża għaż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet. L-attivitajiet tal-MES ma jaqgħux taħt din il-politika.

Fil-fatt, il-MES ma għandux bħala għan iż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet, iżda huwa intiż li jissodisfa l-bżonnijiet ta' finanzjament tal-membri tal-MES. Għal dan il-għan, il-MES la huwa awtorizzat jistabbilixxi r-rati ta' interess prinċipali għaż-żona euro u lanqas li joħroġ euros: l-assistenza finanzjarja li huwa jagħti għandha tkun iffinanzjata kollha mill-kapital disponibbli jew mill-emissjoni ta' strumenti finanzjarji. Anki jekk jitqies li l-attivitajiet tal-MES jistgħu jinfluwenzaw il-livell ta' inflazzjoni, tali influwenza tkun biss il-konsegwenza indiretta tal-miżuri ta' politika ekonomika meħuda.

Fir-rigward tal-**kompetenza esklużiva tal-Unjoni li tikkonkludi ftehim internazzjonali** meta tali konklużjoni tista' taffettwa r-regoli komuni jew tibdel il-portata tagħhom¹², il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li ebda argument imqajjem f'dan il-kuntest ma rrileva li ftehim bħall-MES ikollu tali effetti.

Fir-rigward tal-**kompetenza tal-Unjoni li tikkoordina l-politika ekonomika**¹³, il-Qorti tal-Ġustizzja ttenni li l-Istati Membri huma awtorizzati jikkonkludu, bejniethom, ftehim li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' stabbiltà bħat-Trattat MES, sa fejn l-impenji meħuda mill-Istati Membri kontraenti fil-kuntest ta' tali ftehim josservaw id-dritt tal-Unjoni. Il-MES ma għandux bħala għan il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, iżda jikkostitwixxi mekkaniżmu ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-kundizzjonalità stretta li għandu jkun suġġett għaliha kull sostenn u li tista' tiegħu l-forma ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku, ma tikkostitwixxix strument ta' koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istat Membri, iżda hija intiża li tiżgura l-kompatibbiltà tal-attivitajiet tal-MES, b'mod partikolari, mal-klawżola ta' "non salvataġġ" tat-TFUE¹⁴ u mal-miżuri ta' koordinazzjoni

⁶ Artikoli 3(1)(ċ) TFUE u 127 TFUE

⁷ Artikoli 3(2) TFUE

⁸ Artikoli 2(3) TFUE, 119 TFUE sa 123 TFUE, 125 TFUE u 126 TFUE

⁹ Artikolu 4(3) TUE

¹⁰ Artikolu 13 TUE

¹¹ Artikolu 3(1)(ċ) TFUE u 127 TFUE

¹² Artikolu 3(2) TFUE

¹³ Artikoli 2(3) TFUE, 119 TFUE sa 121 TFUE u 126 TFUE

¹⁴ Artikolu 125 TFUE

meħuda mill-Unjoni. Barra minn hekk, it-Trattat MES lanqas ma jaffettwa l-kompetenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li joħroġ rakkomandazzjonijiet¹⁵ fir-rigward ta' Stat Membru li għandu defiċit eċċessiv.

B'mod partikolari, **il-kompetenza tal-Kunsill li jagħti assistenza finanzjarja tal-Unjoni lil Stat Membru li jkun għaddej minn diffikultajiet jew ikollu riskju serju li jgħaddi minn diffikultajiet gravi** minħabba katastrofi naturali jew avvenimenti eċċezzjonali li ma għandux kontroll fuqhom¹⁶ ma tipprekludix li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà bħall-MES, sa fejn, fil-funzjonament tiegħu, dan il-mekkaniżmu josserva d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-miżuri meħuda mill-Unjoni fil-qasam tal-koordinament tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri. It-Trattat MES jinkludi dispożizzjonijiet¹⁷ li huma speċifikament intiżi li jiżguraw li kull assistenza finanzjarja mogħtija mill-MES tkun kompatibbli ma' tali miżuri ta' koordinazzjoni.

Il-projbizzjoni lill-BĊE u lill-banek ċentrali tal-Istati Membri li jagħtu self kurrenti jew kwalunkwe tip ieħor ta' kreditu lill-awtoritajiet u korpi pubbliċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u **kif ukoll li jiksbu direttament mingħandhom strumenti tad-dejn tagħhom**¹⁸ ma hijiex evitata bil-MES. Fil-fatt, din il-projbizzjoni hija speċifikament indirizzata lill-BĊE u lill-banek ċentrali tal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-għoti ta' assistenza finanzjarja minn Stat Membru jew mill-Istati Membri kollha lil Stat Membru ieħor, direttament jew permezz tal-MES, ma jaqax taħt l-imsemmija projbizzjoni.

Il-klawżola ta' "non salvataġġ"¹⁹, li tipprovdi li l-Unjoni jew Stat Membru ma humiex responsabbli għall-impenji ta' Stat Membru ieħor u ma jassumux responsabbiltà għalihom, ma hijiex intiża li tipprobixxi lill-Unjoni jew lill-Istati Membri milli jagħtu kwalunkwe forma ta' assistenza finanzjarja lil Stat Membru ieħor. Din il-klawżola hija pjuttost intiża li tiżgura li l-Istati Membri josservaw politika baġitarja għaqlija, filwaqt li tiggarantixxi li huma jibqgħu suġġetti għal-loġika tas-suq meta jidhru f'dejn. Għalhekk, hija ma tipprobixxi l-għoti ta' assistenza finanzjarja minn Stat Membru jew iktar lil Stat Membru li jibqa' responsabbli lejn il-kredituri tiegħu u bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti marbuta ma' tali assistenza jistgħu jhegħu lil dan tal-aħħar jimplementa politika baġitarja għaqlija. Il-MES u l-Istati Membri li jipparteċipaw fih, ma humiex responsabbli għall-impenji ta' Stat Membru benefiċjarju ta' sostenn għall-istabbiltà u lanqas ma jassumu responsabbiltà fis-sens tal-klawżola ta' "non salvataġġ".

Peress li l-MES ma jiksirx id-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-politika ekonomika u monetarja u peress li jipprovdi garanziji li, fit-tweġġ tal-kompiti tiegħu, il-MES ser josserva d-dritt tal-Unjoni, huwa lanqas ma jikser **il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali**²⁰, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jonqsu milli jieħdu kwalunkwe miżura li tista' tipperikola t-tweġġ tal-għanijiet tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Qortit tal-Ġustizzja tikkonstata li l-attribuzzjoni, mit-Trattat MES, ta' funzjonijiet ġodda lill-**Kummissjoni**, lill-**BĊE** u lill-**Qorti tal-Ġustizzja** hija kompatibbli mal-**attribuzzjonijiet** tagħhom kif iddefiniti **fit-Trattati**²¹. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, b'mod partikolari, li l-funzjonijiet fdati lill-Kummissjoni u lill-BĊE fil-kuntest tat-Trattat MES ma jinkludu ebda poter ta' teħid ta' deċiżjonijiet speċifiku u li l-attivitajiet imwettqa minn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet fil-kuntest tal-istess trattat jorbtu lill-MES biss. Fir-rigward tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li għandha ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar kull tilwima bejn l-Istati Membri li hija marbuta mal-għanijiet tat-Trattati, jekk tali tilwima tkun għet sottomessa quddiemha bi ftehim²², u li xejn ma jipprekludi li tali ftehim jingħata minn qabel b'riferiment għal kull kategorija ta' tilwim ddefiniti minn qabel.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **il-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva** lanqas ma jipprekludi l-MES. Fil-fatt, meta jistabbilixxu mekkaniżmu ta'

¹⁵ Fuq il-bażi tal-Artikolu 126(7) u (8) TFUE

¹⁶ Artikolu 122(2) TFUE

¹⁷ It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 13(4) tat-Trattat MES.

¹⁸ Artikolu 123 TFUE

¹⁹ Artikolu 125 TFUE

²⁰ Artikolu 4(3) TUE

²¹ Ara f'dan ir-rigward l-Artikolu 13 TUE

²² Artikolu 273 TFUE

stabbiltà b'hall-MES li fir-rigward tal-istabbiliment tiegħu t-TUE u t-TFUE ma jattribwixxu ebda kompetenza speċifika lill-Unjoni, l-Istati Membri ma jimplementawx id-dritt tal-Unjoni, b'mod li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tiggarantixxi lil kull persuna protezzjoni ġudizzjarja effettiva²³ ma tapplikax.

Fuq il-konklużjoni u r-ratifika tal-MES qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2011/199

L-emenda tat-TFUE bid-Deċiżjoni 2011/199 sempliċement tikkonferma l-eżistenza ta' poter imħaddan mill-Istati Membri. Għaldaqstant, peress li din id-deċiżjoni ma tattribwixxi ebda poter ġdid lill-Istati Membri, id-dritt ta' Stat Membru li jikkonkludi u jirratifika t-Trattat MES ma huwiex suġġett għad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija deċiżjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew deċiżjoni dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża b'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq kwistjoni simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA b'effett mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)." ☎ (+32) 2 2964106

²³ Artikolu 47